# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Gunju 2002**

**Avviz numru : 74/2002GT(GM)**

**Mario Attard**

**vs**

**Philip Camilleri**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Illi l-konvenut huwa debitur lejn l-attur fis-somma ta' tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850).**

**Illi skond kitba maghmula fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-konvenut ntrabat li jhallas dan l-ammont f'zewg pagamenti wiehed fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) ammontanti ghal erba' mitt lira Maltija (Lm400) u l-iehor fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002) ammontanti ghal erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450).**

**Illi l-konvenut naqas li jhallas it-tieni pagament ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450).**

**Illi ghandu jithallas ukoll l-imghax b'effett mit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002).**

**Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax mid-data dovut sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u dawk tal-ittri interpellatorja datati 18 ta' Frar 2002 u 8 ta' April 2002."**

**Sema' l-ammissjoni tal-konvenut li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba huwa dovut.**

**Ghaldaqstant, stante l-ammissjoni, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450) bl-**

**imghax legali mid-data dovut sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lill-attur quddiem dan it-Tribunal u tal-ittri interpellatorji tat-18 ta' Frar 2002 u tat-8 ta' April 2002 a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**